MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2011

Appell Kriminali Numru. 383/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**John Bonnici**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra John Bonnici talli nhar-is 16 ta’ Lulju 2009 u fil-gurnata ta’ qabel fil-pjazza tal-knisja, fi Triq Tommaso Dingli, Attard, volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fil-balavostri taz-zuntier tal-Knisja, liema hsara ma kinitx tiskorri l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma kienet izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Settembru 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 325(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi John Bonnici hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu hames xhur prigunerija sospizi ghal sena skond l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat ir-rikors ta' appell ta' John Bonnici pprezentat fis-17 ta' Settembru, 2010 li permezz tieghu talbu li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-htija tal-esponent, li tvarja l-piena nflitta ghal piena ohra inqas skond il-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-eccezzjoni ta' l-Avukat Dottor Jason Grima ghall-Avukat Generali fis-sens illi r-rikors ta' appell huwa null stante li t-talba mhix konformi mal-ligi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti sejra l-ewwel tittratta l-eccezzjoni sollevata mill-prosekuzzjoni fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2011, fis-sens li r-rikors ta' appell huwa null minhabba li t-talba mhix konformi mal-ligi. Issa, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Galea** deciz fit-30 ta' Gunju 1995, din il-Qorti diversament presjeduta dahlet *funditus* fil-kwistjoni tan-nullita` tar-rikors ta' appell u waslet ghal dawn il-konkluzjonijiet:

**"(a) Bhala regola generali, id-disposizzjoni in ezami, cioe` li r-rikors ghandu jkun fih it-talba ghat-tahsir jew ghat-tibdil tas-sentenza, giet 'very strictly and rigidly interpreted' (<u>The Police v. John Hill</u>, Criminal Appeal, 23/9/72).**

**(b) Ghalkemm il-ligi titkellem dwar talba ghat-tahsir <u>jew</u> ghat-tibdil, fil-prassi ta' din il-Qorti dejjem gie accettat, fil-kazijiet li hekk jippermettu, li jkun hemm**

**kemm talba ghat-tahsir kif ukoll talba ghat-tibdil, purche` li din it-tieni talba tkun subordinata ghall-ewwel wahda. Infatti, anke jekk intalab biss it-tahsir, din il-Qorti tista' flok thassar ghal kollox is-sentenza u konsegwentement tillibera lill-appellant jew issib hati lill-appellat - skond min ikun appella – tilqa' l-appell in parti u tbiddel is-sentenza, per ezempju limitatament ghall-piena inflitta fuq l-appellant. Mill-banda l-ohra, jekk is-sentenza appellata tkun in parti sabet hati lill-appellant u in parti illiberatu minn xi akkuzi jew imputazzjonijiet, gie dejjem ritenut li jekk flok talba ghat-tibdil issir talba ghat-tahsir, ir-rikors ikun null (<u>P. v. Anthony Zammit</u>, 1/10/60, Vol. XLIV.iv.940; <u>P. v. Richard Vincenti Kind</u>, App. Krim., 16/9/72); <u>P. v. Carmelo Agius</u>, App. Krim., 14/10/72).**

**(c) Ir-*raison d'etre* tal-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 419 huwa s-simplifikazzjoni u l-kjarezza. Il-legislatur evidentement ried li r-rikors ghandu jkun redatt b'tali mod li mill-ewwel ipoggi kemm lill-Qorti kif ukoll lill-intimat fil-posizzjoni li jkunu jafu ezatt x'inhuma l-fatti kollha essenzjali, minn xhiex qed jilmenta l-appellant, u x'inhu jitlob."**

Fit-talba tieghu l-appellant qieghed jitlob fl-ewwel lok li s-sentenza appellata tigi revokata u li jigi b'hekk lliberat minn kull imputazzjoni u htija. Huwa minnu illi quddiem l-ewwel Qorti l-appellant ammetta l-unika imputazzjoni dedotta kontra tieghu, izda l-ewwel aggravju tieghu jwassal necessarjament ghat-talba kif formulata peress illi qieghed isostni illi, nonostante l-ammissjoni tieghu, hemm fatturi li kieku l-ewwel Qorti hadet konjizzjoni taghhom kienu jwassluha biex tilliberah. Konsegwentement il-pregudizzjali sollevata mill-prosekuzzjoni qed tigi michuda.

Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant jibda biex jghid illi l-ewwel Qorti naqset milli tapplika s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 392A tal-Kodici Kriminali u jiccita xi gurisprudenza li tirrakkomanda s-smiegh ta' xhieda f'xi cirkostanzi, nonostante li tkun giet registrata ammissjoni. Evidentement f'dan il-kaz l-ewwel Qorti dehrilha li setghet

tasal ghad-decizjoni taghha minghajr il-bzonn li tisma' xhieda. A bazi ta' l-imsemmi subartikolu u tal-gurisprudenza citata, l-appellant ghandu numru ta' lmenti.

L-appellant josserva illi r-reat addebitat lilu huwa wiehed istantaneju. Jghid li f'dan il-kaz il-hsara saret hekk kif il-balavostri gew imcaqalqa minn posthom u ma jfissirx illi ghax possibilment ghamlu xi hin mimduda ma' l-art allura saritilhom hsara sakemm kienu hekk mitluqa. L-appellant jghid illu huwa gie akkuzat li kkommetta d-delitt ta' hsara volontarja nhar-il 15 u nhar-is 16 ta' Lulju 2009. Jghid li, pero`, mir-rapport tal-Pulizija jirrizulta li sar rapport mis-Sindku ta' H'Attard fis-16 ta' Lulju 2009 u mill-istess rapport tezisti l-possibilita` li l-incident sehh fl-14 ta' Lulju 2009.

Din il-Qorti ezaminat kemm ir-rapport tal-Pulizija kif ukoll l-istqarrija li l-appellant irrilaxxja lill-Pulizija. Minn qari akkurat ta' dan ir-rapport jirrizulta illi huwa minnu li r-rapport sar fis-16 ta' Lulju 2009 izda mill-istess rapport jirrizulta illi l-hsara saret f'xi hin bejn wara nofsinhar tal-15 ta' Lulju 2009 u s-6.30 a.m. tas-16 ta' Lulju 2009, u cioe` wara li l-balavostri kienu twahhlu mill-haddiema tal-Kunsill Lokali. Barra minn hekk mill-istqarrija ta' l-appellant jirrizulta li l-appellant ammetta li waqqaghhom "dakinhar stess meta regghu wahhluhom". Jigifieri l-appellant mhuwiex korrett meta fis-sottomissjonijiet tieghu jghid illi hemm il-possibilita` li l-incident sehh fl-14 ta' Lulju 2009. Dak li jidher li sehh fl-14 ta' Lulju 2009 kien biss laqgha tal-Kunsill Lokali ta' H'Attard.

It-tieni lment jirrigwarda n-nuqqas tal-prosekuzzjoni li tipproduci stima tal-hsara. Jghid li l-uniku accenn ghall-*quantum* jirrizulta mill-verbal maghmul mill-ufficjal prosekutur, minghajr ebda dikjarazzjoni da parti ta' l-appellant li kien qieghed jaccetta l-ammont bhala wiehed verosimili. Jirreferi ghal dak li qal fl-istqarrija tieghu meta mistoqsi jekk kienx lest li jhallas ghall-hsara u huwa wiegeb: "Igibu expert u jghid hu kemm hi l-hsara. Lanqas inkisru ghax waqghu fuq xulxin."

Dwar dan l-ilment din il-Qorti tosserva illi meta l-appellant tressaq quddiem l-ewwel Qorti biex iwiegeb ghall-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, huwa stqarr li huwa hati waqt l-ezami li kien qieghed isir skond l-artikolu 392 tal-Kodici Kriminali. Huwa kien debitament assistit mill-Avukat Dottor Maria Azzopardi. Wara tali ammissjoni, u kif jirrizulta mill-verbal a fol. 3, l-ufficjal prosekutur esebixxa numru ta' dokumenti, saret trattazzjoni dwar il-piena, il-prosekuzzjoni ddikjarat li l-hsara kagjonata kienet ta' €350, u kien f'dan l-istadju li l-kawza giet posposta sabiex l-appellant (allura imputat) jinghata zmien xieraq sabiex jikkonsidra l-ammissjoni tieghu, jigifieri wara li l-appellant kien jaf li l-allegat valur tal-hsara kien ta' €350. Il-bqija tal-verbal tas-7 ta' Settembru 2010 imbaghad jghid hekk:

**"Meta regghet issejhet il-kawza deher l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Elton Taliana u l-imputat assistit minn Dr. Maria Azzopardi.**

**"Wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu huwa rrijafferma l-istess.**

**"Il-kawza giet deciza."**

Kieku l-appellant kellu xi rizerva dwar il-valur tal-hsara, l-appellant kien iqajjem din il-kwistjoni f'dak l-istadju u mhux jibqa' jippersisti fl-ammissjoni tieghu. Galadarba dan m'ghamlux, ifisser illi ma kellu l-ebda problema jaccetta dak il-valur bhala valur reali. L-appellant fir-rikors ta' appell tieghu jghid li ma accettax il-valur. L-accettazzjoni tieghu pero` tirrizulta mir-rijaffermazzjoni ta' l-ammissjoni tieghu wara li kien sar jaf kemm kien il-valur pretiz.

L-ahhar ilment ta' l-appellant jirrigwarda min hi l-parti leza. Jghid li l-imputazzjoni migjuba tqis li l-parti leza hija l-Knisja Parrokkjali ta' H'Attard mentri l-vittma reali jista' jkun il-Kunsill Lokali ta' H'Attard. Ghalhekk l-appellant gie li ammetta ghal reat li qatt ma sehh. Il-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova dwar min hi l-parti leza u ghalhekk, jekk il-parti leza mhijiex il-Kunsill Lokali ta' H'Attard, il-vera parti leza tkun ingustament sofriet mhux biss il-hsara izda

wkoll tkun tilfet il-kumpens ta' tali hsara, filwaqt illi l-Kunsill Lokali jkun ghamel *unjustified enrichment*.

L-appellant jipprova jdahhal dubju fejn dubju m'hemmx. Ghalkemm l-imputazzjoni tghid li l-hsara saret "fil-balavostri taz-zuntier tal-Knisja", ma tghidx illi l-parti leza hija l-Knisja Parrokkjali. Difatti huwa evidenti mill-istqarrija stess ta' l-appellant illi l-kwistjoni kollha li kellu mas-Sindku ta' H'Attard kienet dwar fetha fil-balavostri li kienet saret temporanejament u wara nghalqet u li l-appellant xtaq li tibqa' miftuha biex ikunu jistghu jghaddu n-nies bi *pram* jew b'*pushchair*. Kien wara li regghu nghalqu li hu mar u waqqaghhom. Il-kwistjoni mela kienet tikkoncerna l-Kunsill Lokali u kien il-Kunsill Lokali li kien qieghed jiehu hsieb il-ftuh u l-gheluq tal-fetha in kwistjoni. Jigifieri l-balavostri in kwistjoni kienu taht il-gurisdizzjoni tal-Kunsill Lokali u l-hsara saret a detriment ta' l-istess Kunsill.

Minn dan kollu huwa evidenti illi l-ewwel Qorti, fid-dawl tal-fatti lilha rizultanti, ma kellha l-ebda raguni ghalfejn ma tilqax l-ammissjoni ta' l-appellant, ammissjoni li ppersista fiha anke wara li nghata  zmien biex jikkunsidraha u dan meta kien debitament assistit. Wara kollox l-ammissjoni inekwivoka tirrizulta wkoll mill-istqarrija tieghu.

Fl-ahharnett l-appellant jilmenta dwar il-piena. Jghid illi fid-dawl tal-fatt illi ilu jservi r-residenti ta' H'Attard ghal ghaxar snin bhala kunsillier, u fl-isfond ta' dak li wassal ghal dawn il-proceduri, jissottometti illi l-ewwel Qorti setghet tapplika l-provvedimenti tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

In materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.[1]

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Carmelo Ebejer**, 4 ta' Novembru 2009; **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

Il-piena applikabbli f'dan il-kaz skond l-artikolu 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali hija dik ta' prigunerija minn hames xhur sa sena. Jigifieri l-ewwel Qorti mponiet l-anqas piena applikabbli. Imbaghad issospendiet l-ezekuzzjoni tas-sentenza ghal perijodu ta' sena wara li qieset l-ammissjoni bikrija, il-fedina penali li mhijiex wahda allarmanti u l-fatt illi l-appellant m'ghamilx il-hsara "b'xi mod kapriccjuz".

Huwa minnu li, kif jissottometti l-appellant, l-ewwel Qorti ma kinitx prekluza milli tapplika l-provvedimenti tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Izda din il-Qorti ma tistax ma taghmilx dawn l-osservazzjonijiet. Bhala kunsillier, xoghol l-appellant huwa li jahdem fl-interess tal-lokalita` u tan-nies li jghixu f'dik il-lokalita`. Dan pero` jrid jaghmlu fil-parametri tal-ligi, b'rispett shih ghal-ligijiet tal-pajjiz u billi jaghti ezempju ta' hekk. Mhuwiex bizzejjed li jghid fl-istqarrija tieghu li huwa "kontra l-vandalizmu". Dan it-twemmin tieghu jrid iwettqu fil-prattika ghax dak li huwa wettaq meta waqqa' l-balavostri kien proprju att ta' vandalizmu. Ir-rizultati pozitivi jintlahqu mhux b'dan il-mod jew billi wiehed jiehu l-ligi b'idejh izda bid-diskussjoni u bir-ragunar. Konsegwentement din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni biex tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti ghal dik li hi l-piena nflitta.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier, b'dan li l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza kif ukoll il-perijodu ghall-hlas tas-somma ta' €350 jibdew jiddekorru millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------